# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 211

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

17 ta' Lulju 2014


Werrej

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA


★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE** ..... 1

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 2/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE** ..... 3

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 3/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE** ..... 5

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 4/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE** ..... 7

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 6/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE** ..... 9

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 8/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE** ..... 11

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE** ..... 13

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 10/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE** ..... 16


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 11/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE ... 17

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 12/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE ... 18

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 13/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE ... 19

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 14/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE ... 21

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE ... 22

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 16/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE ... 24

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness VI (Sigurtà soċjali) tal-Ftehim ŻEE ... 25

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 26

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 19/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 27

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 20/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 29

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 21/2014 tat-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 31

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 22/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 32

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 24/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 33

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 25/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 34

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 26/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 35

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 36

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ... 38

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 29/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XV (Għajnuna mill-Istat) tal-Ftehim ŻEE ... 39

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 30/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE ... 40

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 32/2014 tal-14 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE** ..... 41

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 44)

---

**Rettifika**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 64/98 tal-14 ta' Lulju 1998 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 100, 15.4.1999) ..... 45

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 52/2007 tal-8 ta' Ġunju 2007 li temenda l-Anness XIII (Trasport) ta' mal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 266, 11.10.2007) ..... 45

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 55/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 232, 3.9.2009) ..... 45

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 103/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 270, 4.10.2012) ..... 46

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 106/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 270, 4.10.2012) ..... 46

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 118/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 li temenda l-Anness XXI (Statistika) ta' mal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 270, 4.10.2012) ..... 46

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 107/2001 tat-28 ta' Settembru 2001 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 322, 6.12.2001) ..... 47

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2012 tat-28 ta' Settembru 2012 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 341, 13.12.2012) ..... 47

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 74/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 291, 31.10.2013) ..... 47

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 92/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 291, 31.10.2013) ..... 48

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 291, 31.10.2013) ..... 48

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 121/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 li temenda l-Protokoll 31 ta' mal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, u l-Protokoll 37 ta' mal-Ftehim ŻEE, li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101** (ĠU L 270, 4.10.2012) ..... 49

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 139/2012 tat-13 ta' Lulju 2012 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet** (ĠU L 309, 8.11.2012) ..... 49

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 12/2012 tal-10 ta' Frar 2012 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 161, 21.6.2012) ..... 49

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 1/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/261/UE tat-3 ta' Ġunju 2013 li tawtorizza li laboratorju fl-Ukraina jwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija [1] tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-annimali ħajjin ħlief il-ħut u l-annimali tal-akkwakultura. Il-leġislazzjoni li tirrigwarda dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Islanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Islanda.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 97 (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/396/UE) fil-Parti 4.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"98. **32013 D 0261**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/261/UE tat-3 ta' Ġunju 2013 li tawtorizza lil laboratorju fl-Ukraina jwettaq testijiet seroloġiċi biex jissorvelja l-effettività tat-tilqim tar-rabja (ĠU L 152, 5.6.2013, p. 50).

Dan l-att ma japplikax għall-Islanda."

*Artikolu 2*

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/261/UE fl-ilsien Norveġiż, li jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huwa awtentiku.

[1] ĠU L 152, 5.6.2013, p. 50.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 2/2014

# tal-14 ta' Frar 2014

# li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 374/2013 tat-23 ta' April 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Clostridium butyricum* (FERM BP-2789) bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Miyarisan Pharmaceutical Co. Ltd, irrappreżentat minn Miyarisan Pharmaceutical Europe S.L.U.) [1] għandu jkun inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2013 tal-14 ta' Mejju 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-analogu idrossilat tas-selenometjonina bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 774/2013 tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-*Lactobacillus kefiri* DSM 19455 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 775/2013 tat-12 ta' Awwissu 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u speċijiet minuri ta' tjur minbarra dawk użati għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Lactosan GmbH & Co KG) [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 787/2013 tas-16 ta' Awwissu 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737) bħala addittiv tal-għalf għad-dundjani għas-simna u dundjani mkabbra għat-tgħammir (detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni rigward oġġetti tal-għalf. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-oġġetti tal-għalf ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(7) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 94 (Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 636/2013) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"95. **32013 R 0374**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 374/2013 tat-23 ta' April 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Clostridium butyricum* (FERM BP-2789) bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Miyarisan Pharmaceutical Co. Ltd, irrappreżentat minn Miyarisan Pharmaceutical Europe S.L.U.) ĠU L 112, 24.4.2013, p. 13.

96. **32013 R 0445**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2013 tal-14 ta' Mejju 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-analogu idrossilat tas-selenometjonina bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 130, 15.5.2013, p. 21).

[1] ĠU L 112, 24.4.2013, p. 13.
[2] ĠU L 130, 15.5.2013, p. 21.
[3] ĠU L 217, 13.8.2013, p. 30.
[4] ĠU L 217, 13.8.2013, p. 32.
[5] ĠU L 220, 17.8.2013, p. 15.

97. **32013 R 0774**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 774/2013 tat-12 ta' Awwissu 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus kefiri* DSM 19455 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 217, 13.8.2013, p. 30).

98. **32013 R 0775**: Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 775/2013 tat-12 ta' Awwissu 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u speċijiet minuri ta' tjur minbarra dawk użati għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Lactosan GmbH & Co KG) (ĠU L 217, 13.8.2013, p. 32).

99. **32013 R 0787**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 787/2013 tas-16 ta' Awwissu 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' Bacillus subtilis (ATCC PTA-6737) bħala addittiv tal-għalf għad-dundjani għas-simna u dundjani mkabbra għat-tgħammir (detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) (ĠU L 220, 17.8.2013, p. 15)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 374/2013, (UE) Nru 445/2013, (UE) Nru 774/2013, (UE) Nru 775/2013 u (UE) Nru 787/2013 fl-ilsien Islandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 3/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 795/2013 tal-21 ta' Awwissu 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-klolur tal-kolin bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 796/2013 tal-21 ta' Awwissu 2013, dwar ir-rifjut ta' awtorizzazzjoni tas-sustanza 3-aċetil-2,5-dimetiltijofen bħala addittiv fl-għalf ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 797/2013 tal-21 ta' Awwissu 2013 li jirrigwarda l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* NCIMB 11181 bħala addittiv tal-għalf għall-għoġġiela għat-trobbija u t-tismin u l-ħnienes miftuma (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Chr. Hansen A/S) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1333/2004 ([3]) jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 803/2013 tat-22 ta' Awwissu 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-aċidu foliku bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali ([4]) jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 797/2013 li jħassar r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1333/2004 ([5]) li huwa integrat fil-Ftehim taż-ŻEE u li konsegwentement għandu jiġi rrevokat skont il-Ftehim taż-ŻEE.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni rigward l-għalf. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-għalf ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(7) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE jkun emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 99 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 787/2013):

"100. **32013 R 0795**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 795/2013 tal-21 ta' Awwissu 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-klorur tal-kolina bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 224, 22.8.2013, p. 1).

101. **32013 R 0796**: Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 796/2013 tal-21 ta' Awwissu 2013 dwar ir-rifjut ta' awtorizzazzjoni tas-sustanza 3-aċetil-2,5-dimetiltijofen bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 224, 22.8.2013, p. 4).

102. **32013 R 0797**: Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 797/2013 tal-21 ta' Awwissu 2013 li jirrigwarda l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* NCIMB 11181 bħala addittiv tal-għalf għall-għoġġiela għat-trobbija u t-tismin u l-ħnienes miftuma (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Chr. Hansen A/S) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1333/2004 (ĠU L 224, 22.8.2013, p. 6).

103. **32013 R 0803**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 803/2013 tat-22 ta' Awwissu 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-aċidu foliku bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali (ĠU L 225, 23.8.2013, p. 17)."

([1]) ĠU L 224, 22.8.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 224, 22.8.2013, p. 4.
([3]) ĠU L 224, 22.8.2013, p. 6.
([4]) ĠU L 225, 23.8.2013, p. 17.
([5]) ĠU L 247, 21.7.2004, p. 11.

2. It-test tal-punt 1zv (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1333/2004) jitħassar.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 795/2013, (UE) Nru 796/2013 u (UE) Nru 797/2013 u (UE) Nru 803/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 4/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 763/2013 tas-7 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 637/2009 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti speċi ta' pjanti għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-adattabilità tad-denominazzjonijiet tal-varjetajiet ([1]) jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/45/UE tas-7 ta' Awwissu 2013 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2002/55/KE u 2008/72/KE u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/145/KE fir-rigward tal-isem botaniku tat-tadam ([2]) tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni rigward kwistjonijiet fitosanitarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet fitosanitarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12 (id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE) fil-Parti 1:

"— **32013 L 0045**: Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/45/UE tas-7 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 213, 8.8.2013, p. 20)."

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 18 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 637/2009) fil-Parti 2:

", kif emendat minn:

— **32013 R 0763**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 763/2013 tas-7 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 213, 8.8.2013, p. 16)."

3. Dan li ġej jiżdied fil-punt 55 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/145/KE) fil-Parti 2:

", kif emendat minn:

— **32013 L 0045**: Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/45/UE tas-7 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 213, 8.8.2013, p. 20)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 763/2013 u tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2013/45/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

---

([1]) ĠU L 213, 8.8.2013, p. 16.
([2]) ĠU L 213, 8.8.2013, p. 20.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, dejjem jekk ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 6/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 786/2013 tas-16 ta' Awwissu 2013 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti permessi għall-jessotossini f'molluski bivalvi ħajjin ([1]) għandu jkun inkorporat fit-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 913/2013 tat-23 ta' Settembru 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' sustanzi li jagħtu l-ħlewwa f'ċerti pejsts tal-frott u tal-ħaxix ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward il-kwistjonijiet veterinarji u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji u l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(4) Għalhekk, l-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li jiżdied fil-punt 17 (ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 6.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"— **32013 R 0786**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 786/2013 tas-16 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 220, 17.8.2013, p. 14)."

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32013 R 0913**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 913/2013 tat-23 ta' Settembru 2013 (ĠU L 252, 24.9.2013, p. 11)."

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 786/2013 u (UE) Nru 913/2013 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

---

([1]) ĠU L 220, 17.8.2013, p. 14.
([2]) ĠU L 252, 24.9.2013, p. 11.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Supplement tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 8/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 45zx (id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32012 R 1230**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 (ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 45zzt (id-Direttiva 2001/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "45zzu **32012 R 1230**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

([1]) ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 9/2014

# tal-14 ta' Frar 2014

# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 iħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/95/KEE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 5 (il-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 95/16/KE) tal-Kapitolu III:

   "— **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punti 6 (id-Direttiva 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 6a (id-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu VIII:

   ", kif emendat minn:

   — **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

3. Dan li ġej jiżdied mal-punt 27 (id-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu IX:

   ", kif emendat minn:

   — **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

4. L-Inċiż li ġej jiżdied mal-punt 27b (id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu IX:

   "— **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
([2]) ĠU L 36, 7.2.1987, p. 31.

5. Dan li ġej jiżdied mal-punt 7a (id-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu X:

", kif emendat minn:

— **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

6. It-test tal-punt 2 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE) fil-Kapitolu XVIII huwa mħassar.

7. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 1 (id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIX:

"— **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

8. It-test tal-punt 2 (imħassar) fil-Kapitolu XIX huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 2(7), il-kliem 'l-Artikolu 57 TFUE' jinbidel b' 'l- Artikolu 37 tal-Ftehim ŻEE';"

9. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE) tal-Kapitolu XXII:

"— **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

10. Dan li ġej jiżdied mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE) u 4 (id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XXIX:

", kif emendat minn:

— **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

11. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 1 (id-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XXXI:

"— **32012 R 1025**: Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 10/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/46/UE tat-28 ta' Awwissu 2013 li temenda d-Direttiva 2006/141/KE dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti alimentari. Il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiddaħħal mal-punt 54zzzv (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32013 L 0046**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/46/UE tat-28 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 230, 29.8.2013, p. 16)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2013/46/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 230, 29.8.2013, p. 16.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 11/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 816/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-Kopolimeru tal-metakrilat newtrali u tal-Kopolimeru tal-metakrilat anjoniku f'supplimenti tal-ikel solidu u l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-Kopolimeru tal-metakrilat bażiku (E 1205), Kopolimeru tal-metakrilat newtrali u tal-Kopolimeru tal-metakrilat anjoniku ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar prodotti alimentari. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u punt 69 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32013 R 0816**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 816/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 230, 29.8.2013, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 816/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jkunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 230, 29.8.2013, p. 1.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 12/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1068/2013 tat-30 ta' Ottubru 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' difosfati (E 450), trifosfati (E 451) u polifosfati (E 452) fil-ħut frisk immellaħ fis-salmura ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti alimentari. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32013 R 1068**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1068/2013 tat-30 ta' Ottubru 2013 (ĠU L 289, 31.10.2013, p. 58)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1068/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 289, 31.10.2013, p. 58.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 13/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 723/2013 tas-26 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol l-użu tal-estratti tal-klin (E 392) f'ċerti prodotti tal-laħam u l-ħut b'kontenut żgħir ta' xaħam [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 724/2013 tas-26 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet dwar diversi polioli [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' ċerti addittivi f'analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-Istigmasteroli bħala stabilizzaturi f'koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati, u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel abbażi ta' steroli tal-pjanti rikki fl-Istigmasteroli [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti alimentari. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(6) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiżiedu mal-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32013 R 0723**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 723/2013 tas-26 ta' Lulju 2013 (ĠU L 202, 27.7.2013, p. 8),

— **32013 R 0738**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 32),

— **32013 R 0739**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 35)."

2. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 69 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012):

"— **32013 R 0724**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2013 tas-26 ta' Lulju 2013 (ĠU L 202, 27.7.2013, p. 11),

— **32013 R 0739**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 35)."

[1] ĠU L 202, 27.7.2013, p. 8.
[2] ĠU L 202, 27.7.2013, p. 11.
[3] ĠU L 204, 31.7.2013, p. 32.
[4] ĠU L 204, 31.7.2013, p. 35.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 723/2013, (UE) Nru 724/2013, (UE) Nru 738/2013 u (UE) Nru 739/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 14/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 122/2013 tat-12 ta' Frar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1950/2006 li jistabbilixxi, skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi Komunitarju rigward prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Li ġej jiżdied mal-punt 15za (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

", kif emendat bi:

— **32013 R 0122**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 122/2013 tat-12 ta' Frar 2013 (ĠU L 42, 13.2.2013, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 122/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

---

[1] ĠU L 42, 13.2.2013, p. 1.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 15/2014**

**tal-14 ta' Frar 2014**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 tas-6 ta' Mejju 2013 li jispeċifika proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali li huma l-istess skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 736/2013 tas-17 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-medda ta' żmien għall-programm ta' ħidma għall-eżami ta' sustanzi attivi bijoċidali eżistenti ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 613/2013 tal-25 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1451/2007 dwar sustanzi attivi addizzjonali ta' prodotti bijoċidali li jridu jiġu eżaminati skont il-programm ta' analiżi ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied mal-punt 12n (ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   ", kif emendat bi:

   — **32013 R 0736**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 736/2013 tas-17 ta' Mejju 2013 (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 25)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12ze (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007):

   "— **32013 R 0613**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 613/2013 tal-25 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 173, 26.6.2013, p. 34)."

3. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 12zzo (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/204/UE):

